Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 747/2001**

tad-9 ta' April 2001

li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' tariffa ta' kwoti tal-Komunità u ta' kwantitajiet ta' referenza għall-prodotti eliġibbli għal preferenzi bis-saħħa ta' ftehim ma ċerti pajjiżi tal-Mediterran u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1981/04 u (KE) Nru 934/95

(ĠU L 109, 19.4.2001, p. 2)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 786/2002 tat-13 ta' Mejju 2002	L 127	3	14.5.2002
►M2	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 209/2003 tat-3 ta' Frar 2003	L 28	30	4.2.2003
►M3	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 37/2004 tad-9 ta' Jannar 2004	L 6	3	10.1.2004
►M4	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 53/2004 tat-12 ta' Jannar 2004	L 7	24	13.1.2004
►M5	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 54/2004 tat-12 ta' Jannar 2004	L 7	30	13.1.2004
►M6	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2256/2004 tal-14 ta' Ottubru 2004	L 338M	111	17.12.2008
►M7	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2279/2004 tal-30 ta' Diċembru 2004	L 338M	117	17.12.2008
►M8	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 241/2005 tal-11 ta' Frar 2005	L 327M	299	5.12.2008
►M9	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 503/2005 tal-31 ta' Marzu 2005	L 306M	176	15.11.2008
►M10	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1460/2005 tat-8 ta' Settembru 2005	L 327M	445	5.12.2008
►M11	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 19/2006 tas-6 ta' Jannar 2006	L 338M	278	17.12.2008
►M12	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1712/2006 tal-20 ta' Novembru 2006	L 338M	600	17.12.2008
►M13	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1338/2007 tal-15 ta' Novembru 2007	L 298	11	16.11.2007
►M14	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1154/2009 tas-27 ta' Novembru 2009	L 313	52	28.11.2009

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 49 (2256/2004)
►C2 Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 53 (2279/2004)
►C3 Emendi, Ġ.U. L 71M, 17.3.2009, p. 183 (241/2005)
►C4 Emendi, Ġ.U. L 71M, 17.3.2009, p. 279 (1460/2005)
►C5 Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 151 (19/2006)
►C6 Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 333 (1712/2006)

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 747/2001

tad-9 ta' April 2001

li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' tariffa ta' kwoti tal-Komunità u ta' kwantitajiet ta' referenza għall-prodotti eliġibbli għal preferenzi bis-saħħa ta' ftehim ma ċerti pajjiżi tal-Mediterran u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1981/04 u (KE) Nru 934/95

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Protokolli addizzjonali għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija ([1]), ir-Repubblika Arbija ta' l-Eġittu ([2]), Ir-Renju Ħaxemit tal-Ġordan ([3]), ir-Repubblika Arbija tas-Sirja ([4]), minn naħa l-oħra, u l-Protokoll supplementari għall-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u Malta ([5]), jipprovdu konċessjonijiet ta' tariffa li minnhom uħud jaqgħu fi ħdan it-tariffa ta' kwoti tal-Komunità u ta' kwantitajiet ta' referenza.

(2) Il-Protokoll li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċeduri għall-implementazzjoni tat-tieni stadju tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' Ċipru u li jadatta ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim ([6]), issupplementat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3192/94 tad-19 ta' Diċembru 1994 li jemenda l-arranġamenti li japplikaw għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw minn Ċipru ([7]), u wkoll jipprovdi tariffa ta' konċessjonijiet li uħud minnhom jaqgħu fi ħdan it-tariffa ta' kwoti tal-Komunità u l-kwantitajiet ta' referenza.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1764/92 tad-29 ta' Ġunju 1992 li jemenda l-arranġamenti għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fl-Alġerija, f'Ċipru, fl-Eġittu, fl-Israel, fil-Ġordan, fil-Lebanon, f'Malta, fil-Marokk, fis-Sirja u fit-Tunisija ([8]), kien ħaffef it-tneħħija tat-tariffa u ipprovda għal żieda fil-volumi tat-tariffa ta' kwoti u kwantitajiet ta' referenza stabbiliti fil-Protokolli ta' l-Assoċjazzjoni jew fil-Ftehim ta' Koperazzjoni mal-pajjiżi tal-Mediterran f'dan il-każ.

(4) L-arranġamenti għall-importazzjoni ta' lariġ li joriġina minn Ċipru, l-Eġittu u l-Israel lejn il-Komunità kienu ġew aġġustati bil-Ftehim fil-għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u Ċipru ([9]), bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arbija ta' l-Eġittu ([10]) u bejn il-Komunità Ewropea u l-Israel ([11]).

([1]) ĠU L 297, tal-21.10.1987, p. 1.
([2]) ĠU L 297, tal-21.10.1987, p. 10.
([3]) ĠU L 297, tal-21.10.1987, p. 18.
([4]) ĠU L 327, tat-30.11.1988, p. 57.
([5]) ĠU L 81, tat-23.3.1989, p. 2.
([6]) ĠU L 393, tal-31.12.1987, p. 1.
([7]) ĠU L 337, ta' l-24.12.1994, p. 9.
([8]) ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 9.
([9]) ĠU L 89, ta' l-4.4.1997, p. 1.
([10]) ĠU L 292, tal-15.11.1996, p. 31.
([11]) ĠU L 327, tat-18.12.1996, p. 3.

▼B

(5) Id-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni KE-Turkija ta' l-25 ta' Frar 1998 dwar ir-reġim tal-kummerċ għal prodotti agrikoli [1] tipprovdi għal tariffa ta' konċessjonijiet li uħud minnhom huma mogħtija fi ħdan it-tariffa ta' kwoti.

(6) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Transitorju Euro-Mediterranju rigward il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa l-waħda, u l-Organizzazzjoni tal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċju ta' l-Awtorità tal-Palestina tax-Xatt tal-Punent u ta' l-Istrippa ta' Gaża [2], minn naħa l-oħra, kif ukoll il-Ftehim Euro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tunisija [3], ir-Renju tal-Marokk [4], l-Istat ta l-Israel [5], minn naħa l-oħra, li jipprovdu tariffa ta' konċessjonijiet li uħud minnhom jidħlu fi ħdan it-tariffa ta' kwoti tal-Komunità u l-kwanitajiet ta' referenza.

(7) Dawn il-konċessjonijiet ta' tariffi kienu ġew implementati bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1981/94 ta' l-25 ta' Lulju 1994 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tat-tariffa ta' kwoti tal-Komunità għal ċerti prodotti li joriġinaw fl-Alġerija, f'Ċipru, fl-Eġittu, fl-Israel, fil-Ġordan, f'Malta, fil-Marokk, fix-Xatt tal-Punent u fl-Istrippa ta' Gaża, fit Tunisija u fit-Turkija, u jipprovdi għal regoli dettaljati biex jestendu u jadattaw dawn it-tarifi ta' kwoti [6], u bir-Regolamemnt tal-Kunsill (KE) Nru 934/95 ta' l-10 ta' April 1995 li jistabbilixxi sorvaljanza statistika tal-Komunità fil-qafas ta' kwantitajiet ta' referenza għal ċerti numri ta' prodotti li joriġinaw f'Ċipru, fl-Eġittu, fl-Israel, fil-Ġordan, f'Malta, fil-Marokk, fis-Sirja fit-Tunisija, u fix-Xatt tal-Punent u fl-Istrippa ta' Gaża [7].

(8) Minħabba li r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1981/94 u (KE) Nru 934/95, it-tnejn li huma, kienu repetutament u sostanzjalment ġew emendati, dawn issa jenħtieġu li jkunu miktuba mil-ġdid u ssimplifikati bi qbil mar-Reżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-25 ta' Ottubru 1996 rigward is-simplifikazzjoni u r-razjonalizzazzjoni tar-regolamenti u l-proċeduri doganali tal-Komunità [8]. Fl-interess tar-razjonalizzazzjoni ta' l-implementazzjoni tal-miżuri tat-tarifi kkonċernati, id-dispożizzjonijiet li jirrigwardjaw għat-tariffa ta' kwoti u l-kwantitajiet ta' referenza għandhom ikunu miġbura flimkien f'regolament wieħed li jieħu akkont ta' l-emendi sussegwenti tar-Regolamenti (KE) Nru 1981/94 u (KE) Nru 934/95, flimkien ma l-emendi għall-kodiċi tan-Nomeniklatura Magħquda u tas-sud-divviżjonijiet tat- *TARIC*.

(9) Minħabba li l-ftehim preferenzjali kkonċernati huma konklużi għal perjodu mingħajr limitu, huwa xieraq li ma jkunx hemm limitu tat-tul ta' żmien ta' dan ir-Regolament.

(10) L-intitolament għal-benefiċju mill-konċessjonijiet tat-tariffa huwa suġġett għal-preżentazzjoni lejn l-awtoritajiet doganali tal-prova relevanti rigward l-oriġini kif hemm provvediment dwarha fil-ftehim preferenzjali f'dan il-każ bejn il-Komunità Ewropea u l-pajjiżi tal-Mediterran.

(11) Il-ftehim ta' preferenza f'dan il-każ jipprovdu, meta kwantità ta' referenza tkun estiża, għall-Komunità li jkollha l-possibbiltà li tibdel fil-perjodu ta' referenza sussegwenti il-konċessjoni mogħ-

(1) ĠU L 86, ta' l-20.3.1998, p. 1.
(2) ĠU L 187, tas-16.7.1997, p. 3.
(3) ĠU L 97, tat-30.3.1998, p. 2.
(4) ĠU L 70, tat-18.3.2000, p. 2.
(5) ĠU L 147, tal-21.6.2000, p. 3.
(6) ĠU L 199, tat-2.8.1994, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 563/2000 (ĠU L 68, tas-16.3.2000, p. 46).
(7) ĠU L 96, tat-28.4.1995, p. 6. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2000 (ĠU L 96, tat-18.4.2000, p. 33).
(8) ĠU C 332, tas-17.11.1996, p. 1.

▼B

tija mingħajr kwantità ta' referenza b'tariffa ta' kwota ta' ammont egwali.

(12) Bħala riżultat tal-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' l-Urugwaj tannegozjati multilaterali, id-dazji doganli tat-Tariffa Komuni Doganli saret bħala favorita għal ċerti prodotti, bħala it-tariffa ta' konċessjonijiet mogħtija għal dawn il-prodotti fil-ftehim preferenzjali tal-Mediterran. Huwa għalhekk mhux meħtieġ li jibqa jkun hemm provvediment għall-amministrazzjoni tat-tariffa ta' kwota għal-laħam tad-dundjan ippreprat jew ippriservat li joriġina fl-Israel jew ta' kwanitità ta' referenza għall-piżelli taż-żriegħ li joriġinaw fil-Marokk.

(13) Deċiżjonijiet tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni li jemendaw in-Nomeniklatura Magħquda u l-kodiċi *TARIC* ma jinvolvux xi kambjamenti sostantivi. F'ġieħ is-simplifikazzjoni u l-pubblikazzjoni f'waqta tar-regolamenti li jimplementaw it-tariffa ta' kwoti tal-Komunità u l-kwantitajiet ta' referenza li hemm provvediment dwarhom fil-ftehim preferenzjali l-ġodda, fil-protokolli, fl-Iskambju ta' Ittri u f'atti oħrajn konklużi bejn il-Komunità u l-pajjiżi tal-Mediterran, sal-limitu li dawn l-atti diġa jispeċifikaw il-prodotti eliġibbli għal preferenzi ta' tariffi fil-qafas ta' tariffa ta' kwoti u kwanitantijiet ta' referenza, il-volumi, id-dazji u l-perjodi tagħhom għal xi kriterja ta' eliġibbilità, huwa xieraq li jkun hemm provvediment li l-Kummissjoni tista, wara li tkun ikkonsultat lill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, tagħmel kwalunkwe kambjamenti meħtieġa u emendi tekniċi għal dan ir-Regolament. Dan ma jaffetwax il-proċedura speċifika li hemm provvediment dwarha fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli ([1]).

(14) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2454/93 tat-2 Lulju 1993 jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]), ikkodifika r-regoli ta' l-amministrazzjoni għall-tariffa ta' kwoti iddisinjata biex tintuża bħala segwiment ta' l-ordni kronoloġika tad-dati tad-dikjarazzjonijiet doganali u għas-sorveljanza ta' l-importazzjoni preferenzjali.

(15) Għal raġunijiet ta'ħeffa w effiċjenza, il-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha, sa kemm ikun possibbli, isseħħ permezz ta' rabta telematika.

(16) L-intitolar għal benefiċju mill-konċessjonijiet ta' tariffa għal ward bi blanzuni kbar, ward bi blanzuni żgħar, qronfol unifloriku (kastavalla) u qronfol multifloriku (mxenxel) huma suġġetti għall-konformità mal-kondizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4088/87 ta' l-21 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dazji doganali preferenzjali fuq l-importazzjoni ta' ċerti fjuri li joriġinaw f'Ċipru, fl-Israel, fil-Ġordan, fil-Marokk u fis-Xatt tal-Punent u fl-Istrippa ta' Gaża ([3]).

(17) Inbejjed li joriġinaw fl-Alġerija, fil-Marokk u fit-Tunisija li jkollhom desinjazzjoni rreġistrata ta' l-oriġini, għandhom ikunu akkumpanjati jew b'ċertifikat tad-desinjazzjoni ta' l-oriġini b'konformità mal-mudell speċifikat fil-ftehim preferenzjali jew bid-dokument V I 1 jew b'estratt V I 2 annotat b'konformità ma l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3509/85 tat-18 ta' Diċembru 1985 fuq iċ-ċertifikat u r-rapport ta' l-analiżi

([1]) ĠU L 318, ta' l-20.12.1993, p. 18. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2580/2000 (ĠU L 298, tal-25.11.2000, p. 5).
([2]) ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) nru 1602/2000 (ĠU L 188, tas-26.7.2000, p. 1).
([3]) ĠU L 382, tal-31.12.1987, p. 22. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) nru 1300/1997 (ĠU L 177, tal-5.7.1997, p. 1).

▼B

meħtieġ għall-importazzjoni ta' inbid, ġulepp ta' l-għeneb u masti ta' l-għeneb ([1]).

(18) Intitolar għall-benefiċju mit-tariffa ta' kwota għal inbejjed likuri li joriġinaw f'Ċipru huma s-suġġett ta' konformità mal-kondizzjonijiet li l-inbejjed għandhom ikunu ddisenjata bħala "inbejjed likuri" fid-dokument V I 1 jew fl-estratt V I 2 li hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3590/85.

(19) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2000 rigward il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Tunisija li jikkonċernaw il-miżuri reċipoki ta' liberalizzazzjoni u l-emendi tal-Protokolli Agrikoli għal-Ftehim ta' Asoċjazzjoni KE/Tunisija ([2]), tipprovdi għal konċessjonijiet ġodda ta' tariffa u għal tibdil fil-konċessjonijiet eżistenti li uħud minnhom jaqgħu fi ħdan it-tariffa ta' kwoti tal-Komunità u l-kwantitajiet ta' referenza.

(20) Il-miżuiri meħtieġa għall-implimentazjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adotti bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar tal-poteri ta' l-implimetazzjoni konferiti fuq il-Kummisjoni ([3]),

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

▼M6
▼C1

Artikolu 1

Konċessjonijiet ta' tariffa fi ħdan it-tariffa ta' kwoti tal-Komunità jew fi ħdan kwantitajiet ta' referenza

Meta prodotti li joriġinaw fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tunisija, fl-Eġittu, fil-Ġordan, fis-Sirja, fix-Xatta tal-Punent u fl-Istrippa ta' Gaża, fit-Turkija, f'Malta u f'Ċipru elenkati fl-Annessi I sa XI ikunu mqiegħda f'ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità, dawn għandhom ikunu eliġibbli għal rati mnaqqsa tad-dazju doganali fi ħdan il-limiti tat-tariffa ta' kwoti tal-Komunità jew fil-qafas tal-kwanitajiet ta' referenza, matul il-perjodu u b'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet speċjali għal tariffa ta' kwoti għal fjuri friski maqtuha u blanzuni tal-fjuri

1. L-applikazzjoni tat-tariffa ta' kwoti għal fjuri friski maqtuha u blanzuni tal-fjuri tista, b'Regolament tal-Kummissjoni, tkun sospiża u d-dazju tat-Tariffa Doganali Komuni jkun stabbilit mill-ġdid għal ward bil-fjuri kbar, ward bil-fjuri żgħar, qronfol unifloriku (kastavalla) u qronfol multifloriku (mxenxel) jekk il-kondizzjonijiet tal-prezz stabbiliti bir-Regolament (KEE) Nru 4088/87 ma jkunux osservati.

2. L-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti li fuqhom id-dazju tat-Tariffa Komuni Doganali tkun reġgħet ġiet stabbilita matul il-perjodu ta' l-applikazzjoni ta' stabbeliment mill-ġdid bħala dan, m'għandhiex tkun eliġibbli għal benefiċju mit-tariffa ta' kwota kkonċernata.

([1]) ĠU L 343, ta' l-20.12.1985, p. 20. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 960/1998 (ĠU L 135, tat-8.5.1998, p. 4).
([2]) ĠU L 336, tat-30.12.2000, p. 92.
([3]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼M10

▼C4

Artkolu 3

Kundizzjonijiet speċjali għall-intitolar tal-kwoti tariffarji għal ċerti nbejjed

Sabiex jibbenefikaw mill-kwoti tariffarji tal-Komunità msemmija fl-Annessi I sa III taħt in-numri tas-serje 09.1001, 09.1107 u 09.1205, l-inbejjed għandhom ikunu akkumpanjati jew b'ċertifikat tad-denominazzjoni tal-oriġini maħruġ mill-awtorità rilevanti tal-Alġerija, tal-Marokk jew tat-Tuneżija, f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XII, jew b'dokument VI 1 jew estratt VI 2 annotat f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 883/2001.

▼M3

Artikolu 3a

Dispożizzjonijiet speċjali għall-kwotas tat-tariffa għat-tadam li joriġina fil-Marokk

Għat-tadam ta' kodiċi NM 0702 00 00 impoġġi f'ċirkolazzjoni libera f'kull perjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju (hawnhekk iżjed "il quddiem" staġun ta' importazzjoni') ġbid fuq il-kwoti tat-tariffi ta' kull xahar applikabbli taħt ordni Nru 09.1104 mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu rispettivament, għandhom jitwaqqfu kull sena fil-15 ta' Jannar u fit-tieni jum ta' xogħol fil-Kummissjoni wara l-1 ta' April. Fil-ġurnata tax-xogħol li jmiss fil-Kummissjoni, s-servizzi tal-Kummissjoni iridu jiddeterminaw il-bilanċ ta' dawk il-kwoti tat-tariffa mhux użati u jridu jagħmluha disponibbli fil-kwota tat-tariffa addizzjonali applikabbli għal dak l-istaġun ta' importazzjoni taħt in-numru ta' l-ordni 09.1112.

Mid-dati li fihom l-kwoti tat-tariffi ta' kull xahar ġew imwaqqfa, kull abbozzi retroattivi minn kull kwoti tat-tariffi tax-xahar mwaqqfin u kull volumi li ma ntużawx u treġġgħu lura lil xi kwoti tat-tariffi mwaqqfin fix-xahar għandhom isiru fuq il-kwota tat-tariffa addizzjonali applikabbli għal dak l-istaġun ta' importazzjoni.

▼B

Artikolu 4

L-amministrazzjoni tat-tariffa ta' kwoti u kwanitajiet ta' referenza

1. It-tariffa ta' kwoti referuti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu amministrati mill-Kumissjoni b'konformità ma' l-Artikoli 308a u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

2. Il-prodotti mqiegħda f'ċirkolazzjoni ħielsa għal-benefiċju ta' rati preferenzjali, partikolarment dawk li hemm provvediment dwarhom fi ħdan il-kwantitajiet ta' referenza referuti fl-Artikolu 1, għandhom ikunu suġġetti għal sorveljanza mill-Komunità b'konformità ma l-Artikolu 308d tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri għandha tiddeċiedi dwar il-prodotti apparti milli dawk koperti bil-kwantitajiet ta' referenza li dwarhom tapplika s-sorveljanza.

3. Il-komunikazzjoni li tirreferi għall-amministrazzjoni ta' tariffa ta' kwoti u kwantitajiet ta' referenza bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha sseħħ, sa kemm ikun possibbli, permezz ta' rabta telematika.

Artikolu 5

L-għoti tal-poteri

1. Mingħajr preġudizju għal-proċedura stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93, il-Kummissjoni tista, b'konformità mal-proċedura referuta fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament, tadotta d-

▼B

dispożizzjonijiet meħtieġa għal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, notevolment:

(a) l-emendi u l-aġġustamenti tekniċi meħtieġa bħala segwiment tat-tibdil fil-kodiċi tan-Nomeniklatura Magħquda u tas-sud-diviżjonijiet *TARIC*;

(b) l-adattazzjonijiet meħtieġa li jirriżultaw mid-dħul b'effett ta' l-arranġamenti l-ġodda, l-protokolli, l-Iskambju ta' Ittri jew xi att ieħor konklużbejn il-Komunità u l-pajjiżi tal-Mediterran u adotti mill-Kunsill, meta ftehim, protokolli, Skambji ta' Ittri bħal dawn jew xi atti oħrajn tal-Kunsill jispeċifikaw il-prodotti eliġibbli għal tariffa ta' preferenzi fil-qafas tat-tariffa ta' kwoti u kwantitajiet ta' referenza, il-volumi tagħhom, id-dazji, il-perjodi u xi kriterja ta' l-eliġibilità.

2. Id-dispożizzjonijiet adotti skond il-paragrafu 1 ma jawtorizzawx lill-Kummissjoni sabiex:

(a) tgħaddi l-kwantitajiet prefernzjali minn perjodu għal ieħor;

(b) titrasferixxi kwantitajiet minn tariffa ta' kwota waħda jew kwantità ta' referenza waħda lejn tariffa ta' kwota oħra jew kwantità ta' referenza oħra;

(ċ) titrasferixxi kwantitajiet minn tariffa ta' kwota lejn kwanitità ta' referenza u *vice versa*;

(d) tibdel it-tabelli ta' żmien stabbiliti fil-ftehim, fil-protokolli u l-Iskambji ta' Ittri jew f'atti oħrajn tal-Kunsill;

(e) tadotta leġistlazzjoni li taffettwa t-tariffa ta' kwoti amministrata permezz ta' liċenzi ta' l-importazzjoni.

Artikolu 6

Kumitat ta' l-Amministrazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit bl-Artikolu 248a tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 ([1]) (minn hawn il-quddiem referut bħala "il-Kumitat")

2. Meta ssir riferenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom ikunu applikabbli.

Il-perjodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 4(3) ta' Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu.

Artikolu 7

Kooperazzjoni

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw mill-qrib sabiex jassiguraw konformità ma dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Kanċellament

Ir-Regolamenti (KE) Nru 1981/94 u (KE) Nru 934/95 huma b'hekk imħassra.

Referenzi għar-Regolamenti (KE) Nru 1981/94 u (KE) Nru 934/95 għandhom jitqiesu li jirreferu għal dan ir-Regolament u jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XIII.

([1]) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p.1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 (ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 17).

▼B

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun japplika mill-1 ta' Jannar 2001 għat-tariffa ta' kwoti imsemmija fl-Anness III permezz tan-numri ta' l-ordni 09.1211, 09.1215, 09.1217, 09.1218, 09.1219 u 09.1220.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha

▼M10

▼C4

ANNESS I

L-ALĠERIJA

Minkejja r-regoli ta' interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom jitqiesu li jkollhom mhux aktar minn valur indikattiv, ġaladarba l-iskema preferenżjali hija ddeterminata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM kif jeżistu fil-waqt tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Fejn ex kodiċijiet tan-NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi stabbilita bl-applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi meħuda flimkien.

PARTI A:**Kwoti Tariffarji**

Nru tas-Serje	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Il-perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (f'tunnellati ta' piż nett)	Id-dazju fuq il-kwota
09.1002	0409 00 00		Għasel naturali	minn 1.1 sa 31.12	100	Eżenzjoni
09.1004	0603		Fjuri u blanzuni tal-fjuri maqtugħa ta' tip xieraq għall-bukketti jew għal għanijiet ornamentali, friski, mnixxfa, ibbliċjati, mimlijiet jew ippreparati b'xi mod ieħor	minn 1.1 sa 31.12	100	Eżenzjoni
09.1005	0604		Weraq, friegħi u partijiet oħrajn ta' pjanti, mingħajr fjuri jew blanzuni, u ħaxix ħażiż u likeni, li huma oġġetti adattati għal bukketti jew għal għanijiet ornamentali friski, nixfin, miżbugħin, ibbliċjati, mimlijin jew ippreparati mod ieħor	minn 1.1 sa 31.12	100	Eżenzjoni
09.1006	ex 0701 90 50		Patata ġdida, friska jew imkessħa	minn 1.1 sa 31.3	5 000	Eżenzjoni
09.1007	0809 10 00		Berquq, frisk	minn 1.1 sa 31.12	1 000	Eżenzjoni ([1])
09.1008	0810 10 00		Frawli, frisk	minn 1.11 sa 31.3	500	Eżenzjoni
09.1009	1509 1510 00		Żejt taż-żebbuġa u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament Żjut oħrajn u l-frazzjonijiet tagħhom, miksuba biss miż-żebbuġ, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament, inklużi taħlitiet ta' dawn iż-żjut jew frazzjonijiet oħra tal-intestatura 1509	minn 1.1 sa 31.12	1 000	Eżenzjoni
09.1010	ex 1512 19 90	10	Żejt tal-ġirasol raffinat	minn 1.1 sa 31.12	25 000	Eżenzjoni
09.1011	2002 10 10		Tadam imqaxxar, ippreparat jew ippreservat minbarra bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku	minn 1.1 sa 31.12	300	Eżenzjoni
09.1012	2002 90 31 2002 90 39 2002 90 91 2002 90 99		Tadam ippreparat jew ippreżevat minbarra bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, minbarra sħiħ jew imqatta', b'kontenut ta' materjal xott ta' mhux inqas minn 12 % tal-piż	minn 1.1 sa 31.12	300	Eżenzjoni
09.1013	2009 50		Meraq tat-tadam	minn 1.1 sa 31.12	200	Eżenzjoni
09.1014	ex 2009 80 35 ex 2009 80 38 ex 2009 80 79 ex 2009 80 86 ex 2009 80 89 ex 2009 80 99	40, 91 93, 97 40, 80 50, 80 50, 80 15, 92	Meraq tal-berquq	minn 1.1 sa 31.12	200	Eżenzjoni ([1])

▼C4

Nru tas-Serje	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Il-perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (f'tunnellati ta' piż nett)	Id-dazju fuq il-kwota
09.1001	ex 2204 21 79 ex 2204 21 80 ex 2204 21 84 ex 2204 21 85	71 71 51 71	Inbejjed intitolati għal waħda mid-denominazzjonijiet tal-oriġini li ġejjin: Aïn Bessem-Bouira, Médéa, Coteaux du Zaccar, Dahra, Coteaux de Mascara, Monts du Tessalah, Coteaux de Tlemcen, ta' saħħa alkoħolika attwali bil-volum mhux iktar minn 15 %, f'kontenituri jesgħu 2 l jew inqas	minn 1.1 sa 31.12	224 000 hl	Eżenzjoni
09.1003	2204 10 19 2204 10 99 2204 21 10 2204 21 79 ex 2204 21 80 2204 21 84 ex 2204 21 85 ex 2204 21 94 ex 2204 21 98 ex 2204 21 99 2204 29 10 2204 29 65 ex 2204 29 75 2204 29 83 ex 2204 29 84 ex 2204 29 94 ex 2204 29 98 ex 2204 29 99	 71 79 80 71 79 80 20 20 10 10 20 20 20 10	Inbid frizzanti ieħor Inbid ieħor mill-għeneb frisk	minn 1.1 sa 31.12	224 000 hl	Eżenzjoni
(1) L-eżenzjoni tapplika biss għad-dazju *ad valorem*.						

PARTI B:**Kwanitajiet ta' referenza**

Nru tas-Serje	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Perjodu tal-kwanitajiet ta' referenza	Volum tal-kwanitajiet ta' referenza (f'tunnellati ta' piż nett)	Dazju tal-kwanitajiet ta' referenza
18.0410	0704 10 00		Pastard u brokkli bir-ras, frisk jew imkessaħ	Minn 1.1 sa 14.4 u minn 1.12 sa 31.12	1 000	Eżenzjoni
	0704 20 00		*Brussels sprouts*, friski jew imkessħin	minn 1.1 sa 31.12		
	0704 90		Kaboċċi, pastard, ġdur u brassicae oħrajn li jittieklu, friski jew imkessħin	minn 1.1 sa 31.12		
18.0420	0709 52 00		Tartuf, frisk jew imkessaħ	minn 1.1 sa 31.12	100	Eżenzjoni
18.0430	ex 2005 10 00	10 20 40	Asparagu, karrotti u taħlit ta' ħxejjex omoġenizzati, ippreparati jew ippreżervati minbarra bil-ħall jew l-aċidu aċetiku, mhux iffriżati	minn 1.1 sa 31.12	200	Eżenzjoni

▼C4

Nru tas-Serje	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Perjodu tal-kwanitajiet ta' referenza	Volum tal-kwanitajiet ta' referenza (f'tunnellati ta' piż nett)	Dazju tal-kwanitajiet ta' referenza
18.0440	ex 2005 10 00	30 80	Ħxejjex oħra omoġenizzati, ippreparati jew ippreservati b'xi mod ieħor għajr bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżati, minbarra l-asparagu, il-karrotti u taħliet ta' ħxejjex	minn 1.1 sa 31.12	200	Eżenzjoni
18.0450	2005 51 00		Ful, imqaxxar, ippreparat jew ippreservat minbarra bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat	minn 1.1 sa 31.12	200	Eżenzjoni
18.0460	2005 60 00		Asparagu, ippreparat jew ippreservat minbarra bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat	minn 1.1 sa 31.12	200	Eżenzjoni
18.0470	2005 90 50		Qaqoċċ, ippreparat jew ippreżervat minbarra bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat	minn 1.1 sa 31.12	200	Eżenzjoni
18.0480	2005 90 60		Karrotti, ippreparat jew ippreservat minbarra bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat	minn 1.1 sa 31.12	200	Eżenzjoni
18.0490	2005 90 70		Taħlit ta' ħxejjex oħra, ippreparati jew ippreżervati b'mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu qares, mhux iffriżati	minn 1.1 sa 31.12	200	Eżenzjoni
18.0500	2005 90 80		Ħxejjex oħra, ippreparati jew ippreżervati b'mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu qares, mhux iffriżati	minn 1.1 sa 31.12	200	Eżenzjoni
18.0510	2007 91 90		Ġammijiet, ġèli tal-frott, marmellati, purée u pejsts, miksubin bit-tisjir ta' frott taċ-ċitru, b'kontenut ta' zokkor ta' mhux iktar minn 13 % tal-piż, minbarra fi preparazzjonijiet omoġenizzati	minn 1.1 sa 31.12	200	Eżenzjoni
18.0520	2007 99 91		Purée tat-tuffieħ, inklużi compotes b'kontenut ta' zokkor ta' mhux iktar minn 13 % tal-piż	minn 1.1 sa 31.12	200	Eżenzjoni
18.0530	2007 99 98		Ġammijiet, ġèli tal-frott, marmellati, purée u pejsts, miksubin bit-tisjir ta' frott ieħor, b'kontenut ta' zokkor ta' mhux iktar minn 13 % tal-piż, minbarra fi preparazzjonijiet omoġenizzati	minn 1.1 sa 31.12	200	Eżenzjoni

▼M3

ANNESS II

IL-MAROKK

Minkejja r-regoli ta' l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tkun ikkunsidrata bħala li ma għandhiex aktar minn valur indikattiv, l-iskema preferenzjali tkun determinata, fil-kuntest ta' dan l-Anness bil-kopertura ta' kodiċi NM kif jeżistu fil-ħin ta' l-adozzjoni tar-regolament kurrenti. Fejn il-kodiċi NM ta' qabel huma indikati, l-iskema preferenzali għandha tkun determinata bl-applikazzjoni ta' kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

▼M9

PARTI A: **Kwoti tat-tariffi**

▼M3

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (f'tunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1135			Fjuri maqtugħa friski u żahar ta' fjuri ta' kull xorta addattati għall-bukketti jew għal għanijiet ornamentali:	mill-15.10.2003 sal-31.5.2004	3 000	Eżenzjoni
	0603 10 10		— Ward			
	0603 10 20		— Qronfol			
	0603 10 40		— Gladioli			
	0603 10 50		— Lellux	mill-15.10.2004 sal-31.5.2005	3 090	
				mill-15.10.2005 sal-31.5.2006	3 180	
				mill-15.10.2006 sal-31.5.2007	3 270	
				mill-15.10.2007 sal-31.5.2008 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-15.10 sal-31.5	3 360	
09.1136			Fjuri maqtugħa friski u żahar ta' fjuri ta' kull xorta addattati għall-bukketti jew għall-għanijiet ornamentali:	mill-15.10.2003 sa l-14.5.2004	2 000	Eżenzjoni
	0603 10 30		— Orkidea			
	0603 10 80		— Oħrajn	mill-15.10.2004 sa l-14.5.2005	2 060	
				mill-15.10.2005 sa l-14.5.2006	2 120	
				mill-15.10.2006 sa l-14.5.2007	2 180	
				mill-15.10.2007 sa l-14.5.2008 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-15.10 sa l-14.5	2 240	
09.1115	ex 0701 90 50		Patata ġdida u hekk imsejħa "patata ġdida", friska jew imkessħa	mill-1.12.2003 sat-30.4.2004	120 000	Eżenzjoni
	ex 0701 90 90	10		mill-1.12.2004 sat-tat-30.4.2005	123 600	
				mill-1.12.2005 sat-tat-30.4.2006	127 200	
				mill-1.12.2006 sat-tat-30.4.2007	130 800	
				mill-1.12.2007 sat-tat-30.4.2008 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.12 sat-30.4	134 400	

▼M3

▼M9

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (f'tunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1104	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.10 sal-31.10	10 600	Eżenzjoni (1) (2)
09.1104	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.11 sat-30.11	27 700	Eżenzjoni (1) (2)
09.1104	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.12 sal-31.12	31 300	Eżenzjoni (1) (2)
09.1104	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.1 sal-31.1	31 300	Eżenzjoni (1) (2)
09.1104	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.2 sat-28/29.2	31 300	Eżenzjoni (1) (2)
	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.3 sal-31.3	31 300	Eżenzjoni (1) (2)
09.1104	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.4 sat-30.4	16 500	Eżenzjoni (1) (2)
09.1104	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.5. sal-31.5.2004	4 000	Eżenzjoni (1) (2)
				mill-1.5. sal-31.5.2005 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.5 sal-31.5	5 000	Eżenzjoni (1) (2)
09.1112	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.11.2003 sal-31.5.2004	15 000	Eżenzjoni (1) (2)
				mill-1.11.2004 sal-31.5.2005	28 000 (3)	Eżenzjoni (1) (2)
				mill-1.11.2005 sal-31.5.2006	38 000 (4)	Eżenzjoni (1) (2)
				mill-1.11.2006 sal-31.5.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.11 sal-31.5	48 000 (5)	Eżenzjoni (1) (2)

▼M3

09.1127	ex 0703 10 11 0703 10 19 0709 90 90	50	Basal, li jinkludi basal salvaġġ ta' l-ispeċi *Muscari comosum*, frisk jew imkessaħ	mill-15.2 sal-15.5.2004	8 240	Eżenzjoni
				mill-15.2 sal-15.5.2005	8 480	
				mill-15.2 sal-15.5.2006	8 720	
				mill-15.2 sal-15.5.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-15.2 sal-15.5	8 960	
09.1102	0703 10 90 0703 20 00 0703 90 00		Basal abjad, tewm, kurrat u oħrajn ħaxix relatat ma' ġens it-tewm, frisk jew imkessaħ	mill-1.1. sal-31.12.2004	1 030	Eżenzjoni
				mill-1.1. sal-31.12.2005	1 060	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	1 090	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	1 120	

▼M3

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (f'tunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1106	ex 0704		Kaboċċi, pastard, ġidra, kaboċċa u simili tal-kaboċċi tajba biex jittieklu, friski jew imkessħa, eskluż il-kaboċċa Ċiniża	mill-1.1. sal-31.12.2004	515	Eżenzjoni
				mill-1.1. sal-31.12.2005	530	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	545	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	560	
09.1109	ex 0704 90 90	20	Kaboċċa ċiniża, friska jew imkessħa	mill-1.1. sal-31.12.2004	206	Eżenzjoni
				mill-1.1. sal-31.12.2005	212	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	218	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	224	
09.1108	0705 11 00		Ħassa ikkaboċċjata (ħass ikkaboċċjat), frisk jew imkessaħ	mill-1.1. sal-31.12.2004	206	Eżenzjoni
				mill-1.1. sal- tal-31.12.2005	212	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	218	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	224	

▼M9

09.1137	0707 00 05		Ħjar, frisk jew imkessaħ	mill-1.11.2003 sal-31.5.2004	5 429 + żjieda ta' 85.71 tunnellata piż nett mill-1.5. sal-31.5.2004	Eżenzjoni ([1]) ([6])
				mill-1.11.2004 sal-31.5.2005 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.11 sal-31.5	6 200	

▼M3

09.1113	0707 00 90		Ħjar żgħar għall-immarinat, frisk jew imkessaħ	mill-1.1. sal-tal-31.12.2004	103	Eżenzjoni
				mill-1.1. sal-tal-31.12.2005	106	
				mill-1.1. sal-tal-31.12.2006	109	
				mill-1.1. sal-tal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	112	

▼M3

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Sub-diviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (f'tunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1138	0709 10 00		Qaqoċċ frisk jew imkessaħ	mill-1.11 sal-31.12	500	Eżenzjoni ([1]) ([7])
09.1120			—Ħaxix ieħor, frisk jew imkessaħ:	mill-1.1. sal-31.12.2004	9 270	Eżenzjoni
	0709 40 00		— Karfus minbarra krafes ħoxnin			
	ex 0709 51 00	90	— Faqqiegħ tal-genus *Agar-icus*, minbarra l-faqqiegħ ikkultivat	mill-1.1. sal-31.12.2005	9 540	
	0709 59 10		— Chanterelles	mill-1.1. sal-31.12.2006	9 810	
	0709 59 30		— Faqqiegħ flap	mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	10 080	
	ex 0709 59 90	90	— Faqqiegħ ieħor, minbarra faqqiegħ ikkultivat			
	0709 70 00		— Spinaċi, spinaċi ta'New Zealand u spinaċi orache (spinaċi tal-ġnien)			
09.1133	0709 90 70		Qargħa bagħli żgħir, frisk jew imkessaħ	mill-1.10.2003 sa l-20.4.2004	13 276	Eżenzjoni ([1]) ([8])
				għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.10 sa l-20.4	20 000	
09.1143	ex 0710		Ħaxix (mhux misjur jew misjur bil-fwar jew bit-togħlija fl-ilma), iffriżat, eskluż l-piżelli tas-sottotitli 0710 21 00 u ex 0710 29 00 u eskluż frott ieħor tal-genus *Capsicum* jew tal-genus *Pimenta* ta' sottotitlu 0710 80 59	mill-1.1. sal-31.12.2004	10 300	Eżenzjoni
				mill-1.1. sal-31.12.2005	10 600	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	10 900	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	11 200	
09.1125	0711 40 00 0711 51 00 0711 59 00 0711 90 30 0711 90 50 0711 90 80 0711 90 90		Ħjar u ħjar żgħar għall-immarinat, faqqiegħ, tartuf, xorta ta' qamħ bil-qalba fiha ħafna zokkor, basal, ħaxix ieħor (eskluż frott tal-genus *Capsicum* jew *Pimenta*) u taħlit ta' ħaxix, provviżorjament priservati imma mhux adattati f'dak l-istat għal konsum immedjat	mill-1.1. sal-31.12.2004	618	Eżenzjoni
				mill-1.1. sal-31.12.2005	636	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	654	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	672	
09.1126	ex 0712		Ħaxix mnixxef, sħiħ, mqatta',f'biċċiet, miksur jew f'xi trab, imma mhux preparat aktar, eskluż l-basal ta' sotto-titlu 0712 20 00 u eskluż ż-żebbuġ ta' ex 0712 90 90	mill-1.1. sal-31.12.2004	2 060	Eżenzjoni
				mill-1.1. sal-31.12.2005	2 120	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	2 180	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	2 240	

▼M3

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (f'tunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
▼M9						
09.1122	0805 10 10 (12) 0805 10 30 (12) 0805 10 50 (12) ex 0805 10 80	10	Larinġ frisk	mill-1.12.2003 sal-31.5.2004	300 000 + żjieda ta' 1 133,33 tunnellata piż nett mill-1.5. sal-31.5.2004	Eżenzjoni (1) (9)
				mill-1.12.2004 sal-31.5.2005 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.12 sal-31.5	306 800	
09.1130	ex 0805 20 10	05	Klementini friski	mill-1.11.2003 sad- 29.2.2004	120 000	Eżenzjoni (1) (10)
				mill-1.11.2004 sal-28.2.2005 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.11 sat-28/29.2	143 700	
▼M3						
09.1145	0808 20 90		Sfarġel frisk	mill-1.1 sal-31.12	1 000	Eżenzjoni
09.1128	0809 10 00 0809 20 0809 30		— Berquq frisk — Ċirasa friska — Ħawħ frisk, li jinkludi ċ-ċiprisk	mill-1.1. sal-31.12.2004	3 605	Eżenzjoni (11)
				mill-1.1. sal-31.12.2005	3 710	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	3 815	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	3 920	
09.1134	0810 50 00		Ribes Ċiniż frisk	mill-1.1 sat-30.4.2004	257,5	Eżenzjoni
				mill-1.1 sat-30.4.2005	265	
				mill-1.1 sat-30.4.2006	272,5	
				mill-1.1 sat-30.4.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.1 sat-30.4	280	
09.1140	1509		— Żejt taż-żebbuġ u l-partijiet tiegħu, kemm jekk raffinat jew le, imma mhux modifikati b'mod kimiku	mill-1.1. sal-31.12.2004	3 605	Eżenzjoni
	1510 00		— Żjut oħra u l-partijiet tagħhom, miksuba biss miż-żebbuġ, kemm jekk raffinati jew le, imma mhux modifikati b'mod kimiku, li tinkludi taħlitiet ta' dawn iż-żjut jew partijiet bi żjut jew partijiet tat-titlu 1509	mill-1.1. sal-31.12.2005	3 710	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	3 815	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	3 920	

▼**M3**

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (f'tunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1147	ex 2001 10 00	90	Ħjar żgħir għall-immarinat, preparat jew ippreservat fil-ħall jew aċidu aċetiku	mill-1.1. sal-31.12.2004	10 300 tunnellata ta' piż nett imbattla	Eżenzjoni
				mill-1.1. sal-31.12.2005	10 600 tunnellata ta' piż nett imbattla	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	10 900 tunnellata ta' piż nett imbattla	
				mill-1.1. sal-tal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	11 200 tunnellata ta' piż nett imbattla	
09.1142	2002 90		Tadam preparat jew preservat b'mod ieħor milli fil-ħall jew aċidu aċetiku, ħlief sħiħ jew imqatta' biċċiet	mill-1.1. sal-31.12.2004	2 060	Eżenzjoni
				mill-1.1. sal-31.12.2005	2 120	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	2 180	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	2 240	
09.1119	2004 90 50 2005 40 00 2005 59 00		Piżelli *(Pisum sativum)* u fażola li għad baqagħlha tiżviluppa fil-miżwed preparati jew preservati b'mod ieħor milli fil-ħall jew aċidu aċetiku, iffriżati jew le	mill-1.1. sal-31.12.2004	10 815	Eżenzjoni
				mill-1.1. sal-31.12.2005	11 130	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	11 445	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm'il quddiem	11 760	
09.1144	2008 50 61 2008 50 69		Berquq, preparat jew preservat b'mod ieħor, li ma fihx spirtu miżjud, fih zokkor miżjud u f'pakketti żgħar ta' użu immedjat ta' kontenut nett li jaqbeż-il 1 kilo	mill-1.1. sal-31.12.2004	10 300	Eżenzjoni
				mill-1.1. sal-31.12.2005	10 600	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	10 900	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	11 200	

▼**M3**

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (f'tunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1146	2008 50 71 2008 50 79		Berquq, preparat jew preservat b'mod ieħor, ma fihx spirtu miżjud, fih zokkor miżjud u f'pakketti żgħar ta' użu immedjat ta' kontenut nett li jaqbeż–il 1 kilo	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	5 150 5 300 5 450 5 600	Eżenzjoni
09.1105	ex 2008 50 92 ex 2008 50 94	20 20	Polpa tal-berquq, ma fihiex spirtu jew zokkor miżjuda, f'pakketti żgħar ta' użu immedjat ta' kontenut nett ta' 4,5 kilos jew aktar	mill-1.1. sal- tal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1.sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	10 300 10 600 10 900 11 200	Eżenzjoni
09.1148	2008 50 99 ex 2008 70 98	 21	Berquq, preparat jew preservat b'mod ieħor, ma fihx spirtu jew zokkor miżjuda, f'pakketti żgħar ta' użu immedjat ta' kontenut nett ta' anqas minn 4,5 kilosNofsijiet ta' ħawħ (inklużi ċiprisk), preparati jew preservati b'mod ieħor, ma fihomx spirtu jew zokkor miżjud, f'pakketti żgħar ta' użu immedjat ta' kontenut nett ta' anqas minn 4,5 kilos	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	7 416 7 632 7 848 8 064	Eżenzjoni
09.1149	2008 92 51 2008 92 59 2008 92 72 2008 92 74 2008 92 76 2008 92 78		Taħlit ta' frott, li fihom zokkor miżjud, imma mhux spirtu miżjud	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	103 106 109 112	Eżenzjoni

▼**M3**

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (f'tunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1123	2009 11 2009 12 00 2009 19		Meraq tal-laringė	mill-1.1. sal-31.12.2004	51 500	Eżenzjoni [1]
				mill-1.1. sal-31.12.2005	53 000	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	54 500	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	56 000	
09.1192	2009 21 00 2009 29		Meraq tat-tronġ	mill-1.1. sal-31.12.2004	1 030	Eżenzjoni [1]
				mill-1.1. sal-31.12.2005	1 060	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	1 090	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	1 120	
09.1131	2204 10 19 2204 10 99		Inbid ieħor ifexfex	mill-1.1. sal-31.12.2004	98 056 hl	Eżenzjoni
	2204 21 10		Inbid ieħor minn għeneb frisk	mill-1.1. sal-31.12.2005	100 912 hl	
	2204 21 79			mill-1.1. sal-31.12.2006	103 768 hl	
	ex 2204 21 80	72 79 80		mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	106 624 hl	
	2204 21 83					
	ex 2204 21 84	10 72 79 80				
	ex 2204 21 94	10 30				
	ex 2204 21 98	10 30				
	ex 2204 21 99 2204 29 10 2204 29 65	10				
	ex 2204 29 75 2204 29 83	10				
	ex 2204 29 84	10 30				
	ex 2204 29 94	10 30				
	ex 2204 29 98	10 30				
	ex 2204 29 99	10				

▼M3

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (f'tunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1107	ex 2204 21 79 ex 2204 21 80 ex 2204 21 83 ex 2204 21 84	72 72 72 72	Inbid intitolati lil waħda mid-denominazzjonijiet ta' l-oriġini li ġejjin: Berkane, Saïs, Beni M'Tir, Guerrouane, Zemmour and Zennata, ta'qawwa alkoħolika eżatta bil-volum li ma jaqbiżx 15 % vol u fil-kontenituri li jesgħu 2.1 jew anqas	mill-1.1. sal-tal-31.12.2004 mill-1.1. sal-tal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1.sal-tal-31.12.2007 u għalkull sena minn hemm 'il quddiem	57 680 hl 59 360 hl 61 040 hl 62 720 hl	Eżenzjoni

▼M9

09.1150			Fjuri maqtugħin friski u blanzuni tal-fjuri ta' tip li jkunu adattati għall-bukketti u għanijiet ornamentali:	mill-1.6. sat-30.6.2004	51,5	Eżenzjoni
	0603 10 10		— Ward			
	0603 10 20		— Qronfol			
	0603 10 40		— Gladjoli			
	0603 10 50		— Kriżantemi			
				mill-1.6. sat-30.6.2005	53	
				mill-1.6. sat-30.6.2006	54,5	
				mill-1.6. sat-30.6.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.6 sal-30.6	56	
09.1118	0810 10 00		Frawli frisk	mill-1.4 sat-30.4	100	Eżenzjoni

▼M3

(1) L-eżenzjoni tapplika biss għad-dazju *ad valorem*.

(2) F'din il-kwota tat-tariffa id-dazju speċifiku provdut fil-lista tal-konċessjonijiet tal-Komunità lill-WTO huwa mnaqqas għal zero jekk il-prezz tad-dħul mhuwiex anqas minn EUR 461/tunellata, li jkun il-prezz tad-dħul miftiehem bejn il-Komunità Ewropea u l-Marokk. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa 2, 4, 6 jew 8 % anqas milli miftiehem, il-kwota tad-dazju tad-dwana speċifiku għandu jkun indaqs rispettivament għal 2, 4, 6 jew 8 % ta' dan il-prezz tad-dħul miftiehem. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa anqas minn 92 % ta' prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju speċifiku tad-dwana marbut mill-WTO għandu jgħodd.

►M9 (3) Dan il-volum tal-kwota għandu jitnaqqas għal 8 000 tunnellata piż nett jekk il-volum totali ta' tadam li joriġina mill-Marokk u li jitpoġġa f'ċirkulazzjoni ħielsa fil-Komunità matul il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2003 sal-31 ta' Mejju 2004 ikun iżjed mill-volum ta' 191 900 tunnellata piż nett.

(4) Dan il-volum tal-kwota għandu jitnaqqas għal 18 000 tunnellata piż nett jekk il-volum totali ta' tadam li joriġina mill-Marokk u li jitpoġġa f'ċirkulazzjoni ħielsa fil-Komunità matul il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2004 sal-31 ta' Mejju 2005 ikun iżjed mis-somma tal-volumi tat-tariffa ta' kull xahar, bl-ordni numru 09.1104 tkun applikabbli matul il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2004 sal-31 ta' Mejju 2005, u mill-volum tal-kwota tat-tariffa addizzjonali, bl-ordni numru 09.1112 tkun applikabbli matul il-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 2004 sal-31 ta' Mejju 2005. Sabiex jiġi determinat il-volum totali impurtat, għandha titħalla tolleranza massima ta' 1 %.

(5) Dan il-volum tal-kwota għandu jitnaqqas għal 28 000 tunnellata piż nett jekk il-volum totali ta' tadam li joriġina mill-Marokk u li jitpoġġa f'ċirkulazzjoni ħielsa fil-Komunità matul il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2005 sal-31 ta' Mejju 2006 ikun iżjed mis-somma tal-volumi tat-tariffa ta' kull xahar, bl-ordni numru 09.1104 tkun applikabbli matul il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2005 sal-31 ta' Mejju 2006, u mill-volum tal-kwota tat-tariffa addizzjonali, bl-ordni numru 09.1112 tkun applikabbli matul il-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 2005 sal-31 ta' Mejju 2006. Sabiex jiġi ddeterminat il-volum totali impurtat, għandha titħalla tolleranza massima ta' 1 %. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għall-volum ta' kull waħda minn hemm 'il quddiem, sakemm il-kwota tat-tariffa addizzjonali tkun tapplika mill-1.11 sal-31.5. ◄

(6) F'din il-kwota tat-tariffa id-dazju speċifiku provdut fil-lista ta' konċessjonijiet tal-Komunità lill-WTO titnaqqas għal zero jekk il-prezz tad-dħul mhuwiex anqas minn EUR 449/tunnellata, li jkun il-prezz miftiehem bejn il-Komunità Ewropea u l-Marokk. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa 2, 4, 6 jew 8 % anqas mill-prezz tad-dħul miftiehem, il-kwota tad-dazju speċifika tad-dwana għandha tkun indaqs rispettivament għal 2, 4, 6 jew 8 % ta' dan il-prezz tad-dħul miftiehem. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa anqas minn 92 % tal-prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju speċifiku tad-dwana marbut mill-WTO għandu jgħodd.

(7) Fil-kwota tat-tariffa id-dazju speċifiku provdut fil-lista ta' konċessjonijiet tal-Komunità lill-WTO hija mnaqqsa għal zero jekk il-prezz tad-dħul mhuwiex anqas minn EUR 571/tunnellata, li jkun il-prezz miftiehem bejn il-Komunità Ewropea u l-Marokk. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa 2, 4, 6 jew 8 % anqas mill-prezz tad-dħul miftiehem, il-kwota speċifika tad-dazju tad-dwana għandha tkun indaqs rispettivament għal 2, 4, 6 jew 8 % tal-prezz tad-dħul miftiehem. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa anqas minn 92 % tal-prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju speċifiku tad-dwana marbut mill-WTO għandu jgħodd.

(8) F'din il-kwota tat-tariffa d-dazju speċifiku provdut fil-lista tal-konċessjonijiet tal-Komunità lill-WTO hija mnaqqsa għal zero jekk il-prezz tad-dħul mhuwiex anqas minn:

— EUR 424/tunnellata metrika mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Jannar u mill-1 sa l-20 ta' April, li jkun il-prezz tad-dħul miftiehem bejn il-Komunità Ewropea u l-Marokk,

— matul il-perjodu mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu il-prezz tad-dħul tal-WTO ta' EUR 413/tunnellata metrika li hu aktar favorabbli mill-prezz tad-dħul miftiehem għandu jgħodd.

